# LEJLA TA' STORJA U PJAĊIR MAL-FESTIVAL INTERNAZZJONALI TAL-LOGĦOB TAN-NAR FIL-FORTI SANT'ANĠLU

**Stqarrija| 23 ta' April 2024**

Il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu se jerġa' jilqa' lill-pubbliku waqt ħinijiet estiżi nhar it-Tlieta 30 ta' April, lejlet festa pubblika, għal lejla speċjali tul il-wirja spettakolari finali tal-Festival tal-Logħob tan-Nar.

Minsuġa perfettament mat-tema tal-edizzjoni ta' din is-sena tal-festival - 'Sinfoniji matul id-deċenji' - Heritage Malta qed toffri serata li ma tintesiex fis-sit storiku monumentali tal-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu, li twiegħed li tagħti pjaċir lis-sensi kollha.

Il-viżitaturi se jkunu jistgħu jgawdu veduta eċċellenti tal-qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni tal-kultura Maltija minn wieħed mill-aħjar postijiet f'din il-gżira, filwaqt li jesploraw l-imkejjen tal-Forti, miftuħ esklużivament waqt ħinijiet estiżi. Il-parti ta' fuq tal-Forti, amministrata mill-Ordni Militari Sovran ta' Malta, mhux se tkun aċċessibbli.

Żewġ għażliet ta' biljetti huma disponibbli. L-ewwel waħda tinkludi d-dħul biss, filwaqt li t-tieni waħda tolqot lil dawk li jixtiequ jikkumplimentaw il-lejla tagħhom b'ikla buffet imħejjija esklużivament minn Taste History. Id-dettalji u l-għażliet kollha jinsabu hawnhekk: https://heritagemalta.mt/whats-on/fireworks-festival-2024/.

Il-bibien jiftħu fis-19:00, biex b'hekk kulħadd jilħaq isib postu u jgawdi l-ikla qabel ma jibda l-ispettaklu fit-20:30. Dawk li jħallsu għall-buffet għandhom jaslu sas-19:00 u huma mitluba jaqtgħu l-biljetti fuq www.heritagemalta.mt/store qabel il-25 ta' April. Il-biljetti għad-dħul biss huma disponibbli kemm online kif ukoll mill-mużewijiet u s-siti kollha ta' Heritage Malta.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta